

**Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)**

11155/23

**ECOFIN 679
UEM 213
SOC 504
EMPL 355
COMPET 699
ENV 778
EDUC 291
RECH 323
ENER 414
JAI 926
GENDER 155
ANTIDISCRIM 149
JEUN 193
SAN 430**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9849/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 623 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tar-Rumanija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 623 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2023 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-

Kunsill

dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tar-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentrati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lir-Rumanija bħala waħda mill-Istati Membri li jistgħu jiġu affettwati jew li jistgħu jkunu f'riskju li jiġu affettwati minn żbilanċi. Għaldaqstant jeħtieġ li jsir eżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

- (7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħa il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli tal-governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investiment. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fil-31 ta' Mejju 2021, ir-Rumanija ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-3 ta' Novembru 2021 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li r-Rumanija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx tregġġgħet lura.

⁶ ST 12319/2021; ST 12319/2021 ADD 1.

- (10) Fil-11 ta' Mejju 2023, ir-Rumanija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u, fl-10 ta' Mejju 2023, il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tagħha, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tar-Rumanija dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għar-Rumanija. Huwa vvaluta l-progress tar-Rumanija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Hija vvalutat ukoll il-progress tar-Rumanija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għar-Rumanija u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Rumanija qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet tagħha huma relatati mal-kontijiet esterni, marbuta ma' defiċiċts kbar tal-gvern, filwaqt li żdiedu l-pressjonijiet ta' sovrażbilanċ. Id-defiċiċt kbir fil-kont kurrenti mar għall-agħar b'mod konsiderevoli wara r-reċessjoni kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u għamel l-ekonomija vulnerabbli għal xokkijiet ta' finanzjament estern. Il-kontinwazzjoni ta' defiċiċt kbir fil-kont kurrenti turriskja li tkompli tixpruna l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta f'territorju negattiv. Sinjali ta' tisħin żejjed huma viżibbli b'mod ċar, bl-inflazzjoni bażika għolja b'mod skomdu, tkabbir fil-pagi sew b'żewġ ċifri u rata ta' qgħad relattivament baxxa. L-indikaturi tal-kompetittività tal-kostijiet huma mistennija li jstabilizzaw, iżda għad hemm kwistjonijiet strutturali. Ir-rata tal-kambju tidher li hija oġhla mil-livell issuġġerit mill-elementi fundamentali u għadha ġestita b'mod qawwi. Id-defiċiċt tal-gvern ilu għoli għal diversi snin u kien responsabbli għal ħafna mill-eċċess tad-domanda u tad-defiċiċts esterni sussegwenti; għalkemm id-defiċiċt tal-gvern qed jitjieb, għadu mbassar li ser jibqa' sinifikanti fl-2023 u fl-2024. It-tnaqqis tad-defiċiċt tal-gvern fl-2022 kien prinċipalment xprunat minn tkabbir nominali tal-PDG, li min-naħa tiegħu jiddependi ħafna fuq id-domanda domestika li ssaħħan iżżejjed. Il-primjums tar-riskju u l-kostijiet tas-self sovrani huma ferm oġhla milli fis-snin ta' qabel il-pandemija. Minħabba l-issikkar kontinwu fil-kundizzjonijiet globali tal-likwidità, ser ikun importanti li jitreggħu lura x-xejriet li għaddejjin bħalissa. Għall-ġejjieni, jenħtieġ li l-aġġustament għandu jkun il-mod preferut biex id-domanda tinġieb aktar konformi mal-provvista u biex jitrażżnu d-defiċiċts domestiċi u esterni. L-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi tat-taxxa u tal-pensjonijiet inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll l-aderenza mal-miri fiskali skont il-proċedura ta' defiċiċt eċċessiv għandhom irażżnu sewwa d-dinamika attwali.

(13) Fit-3 ta' April 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/509⁷, dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija minħabba nuqqas ta' konformità tal-pajjiż mal-kriterju tad-defiċit fl-2019. Fit-3 ta' April 2020, il-Kunsill ħareġ ukoll Rakkomandazzjoni⁸ bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija sa mhux aktar tard mill-2022. Meta titqies il-kontrazzjoni profonda fl-attività ekonomika marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 u l-ħtieġa relatata li l-politiki fiskali jappoġġaw l-irkupru, fit-18 ta' Ġunju 2021 il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni ġdida⁹ biex ittemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija sa mhux aktar tard mill-2024. Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li r-Rumanija tnaqqas id-defiċit tal-gvern estiż tagħha għal 8.0 % tal-PDG fl-2021, 6.2 % tal-PDG fl-2022, 4.4 % tal-PDG fl-2023 u 2.9 % tal-PDG fl-2024. Dan kien konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ta' 3.4 % fl-2021, 1.3 % fl-2022, 0.9 % fl-2023 u 0.0 % fl-2024. Kien jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0.7 % tal-PDG fl-2021, ta' 1.8 % tal-PDG fl-2022, ta' 1.7 % tal-PDG fl-2023 u ta' 1.5 % tal-PDG fl-2024. Ir-Rakkomandazzjoni tat-18 ta' Ġunju 2021 speċifikat ukoll li kwalunkwe qligħ mhux mistenni jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern estiż, u li r-Rumanija għandha tiżgura l-applikazzjoni sħiħa u effettiva tal-qafas fiskali nazzjonali tagħha. Fl-aħħar nett, il-Kunsill iddikjara wkoll li biex jiġi żgurat is-suċċess tal-istrateġija fiskali għall-perjodu medju, ser ikun importanti li l-konsolidazzjoni fiskali tiġi appoġġata b'riformi komprensivi.

⁷ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/509 tat-3 ta' April 2020 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija (ĠU L 110, 8.4.2020, p. 58).

⁸ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' April 2020 bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija (ĠU C 116, 8.4.2020, p. 1).

⁹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 111).

(14) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tar-Rumanija naqas minn 7.1 % tal-PDG fl-2021 għal 6.2 % tal-PDG fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 48.6 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 47.3 % fi tmiem l-2022. Dan huwa konformi mal-mira tad-defiċit nominali tal-2022 rakkomandata mill-Kunsill. L-aġġustament fil-bilanċ strutturali għall-2022 kien ta' 0.4 punt perċentwali tal-PDG, inqas sew mill-1.8 punti perċentwali tal-PDG rakkomandati. Dan jitlob analiżi bir-reqqa bbażata fuq il-valur referenzjarju tan-nefqa. Fl-2022, it-tkabbir nett fin-nefqa primarja (aġġustat għal miżuri ta' darba u għall-miżuri ta' politika fiskali fuq in-naħa tad-dħul) kien ta' 14.1 %, 'il fuq mill-1.3 % rakkomandat. It-titjib fil-bilanċ strutturali kważi waqaf fl-2022, minkejja li d-dħul tal-gvern kien materjalment ogħla milli mistenni, imsaħħaħ minn tkabbir reali qawwi tal-PDG, inflazzjoni għolja, u kompożizzjoni favorevoli ta' tkabbir ekonomiku. Fuq in-naħa tan-nefqa, il-pagi pubbliċi u x-xiri ta' oġġetti u servizzi naqsu bħala sehem mill-PDG nominali minħabba indiċjar parzjali u limitu massimu awtoimpost fuq ix-xiri. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-partiti l-oħra tan-nefqa kibru b'rata ħafna aktar mgħaġġla milli kien ippjanat, parzjalment minħabba s-sorpriżi kbar fl-inflazzjoni, li jimplika li parti mill-qligħ mhux mistenni tad-dħul intuża biex tiġi ffinanzjata nefqa addizzjonali meta mqabbla mal-pjanijiet.

- (15) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat minn miżuri ta' politika fiskali li ttieħdu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, miżuri ta' politika fiskali bħal dawn inkludew limiti fuq il-prezzijiet għat-tariffi tal-elettriku u tal-gass naturali kemm għall-konsumaturi domestiċi kif ukoll għall-konsumaturi mhux domestiċi. Kien jinkludi wkoll pagamenti speċjali lil pensjonanti b'introjtu baxx, vawċers tal-ikel għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx (inkluż pensjonanti u studenti) u sussidji tal-fjuwil. Il-kost ta' dawk il-miżuri kien parzjalment ikkumpensat minn taxxi ġodda fuq il-profitti mhux mistennija ta' kumpaniji domestiċi li jipproduċu l-enerġija. L-istima tal-Kummissjoni għall-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri hija ta' 0.4 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat marġinalment ukoll mill-kost baġitarju tal-protezzjoni temporanja offruta lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li huwa stmat għal 0.0-0.1 % tal-PDG fl-2022.
- (16) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023 huwa relattivament kawt fl-2023 u aktar favorevoli mit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni minn hemm 'il quddiem. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali ser jikber bi 2.8 % fl-2023 u b'4.8 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali ta' 3.2 % fl-2023 u 3.5 % fl-2024. It-tbassir ta' tkabbir ferm aktar baxx tal-Kummissjoni għall-2024 jirrifletti l-fehma tal-Kummissjoni dwar l-impatt imdewwem tal-issikkar monetarju fuq l-ekonomija. Dan jirrifletti wkoll il-fehma tal-Kummissjoni li l-ekonomija Rumena bħalissa qed topera qrib il-livell potenzjali tagħha, li jidher raġonevoli minħabba r-rati ta' inflazzjoni ewlenin għoljin u persistenti u r-rata tal-qgħad relattivament baxxa. Dan jillimita l-potenzjal għal tkabbir mhux inflazzjonarju.

- (17) Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jonqos minn 6.2 % tal-PDG fl-2022 għal 4.4 % fl-2023, kif irrakkomandat mill-Kunsill. It-tnaqqis kbir jirrifletti t-trażżin ippjanat fl-infiq, inkluż tnaqqis sinifikanti fil-pagi reali tal-ħaddiema pubbliċi, u xi miżuri li jsaħħu d-dħul, inkluż żieda fir-rata tat-taxxa fuq id-dividendi, tnaqqis fil-limitu biex wieħed jibbenefika mir-rata tat-taxxa baxxa taħt ir-reġim tal-mikrointrapriża, u żidiet fir-rati tal-VAT fuq prodotti magħżula. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 47.3 % fi tmiem l-2022 għal 47.1 % fi tmiem l-2023.
- (18) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jintlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, jiġifieri limiti fuq il-prezzijiet għat-tariffi tal-elettriku u tal-gass naturali, sussidji għal gruppi b'introjtu baxx tal-popolazzjoni u pagamenti speċjali lil pensjonanti b'introjtu baxx. Il-kost ta' dawk il-miżuri għadu fil-biċċa l-kbira kkompensat mit-taxxi fuq il-profitti mhux mistennija tal-fornituri domestiċi tal-enerġija u fuq il-marġni kummerċjali. Meta jitqies dak id-dħul, l-istima tal-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ fl-2023 hija ta' 0.3 % tal-PDG. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, għalkemm ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.
- (19) It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.7 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa 0.3 punt perċentwali tal-PDG oġhla mid-defiċit ipprojetat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023, prinċipalment minħabba nefqa pprojetata oġhla b'mod partikolari f'oġġetti u servizzi, trasferimenti soċjali u nefqa kurrenti oħra, li kollha huma mistennija li jiżdiedu ferm aktar bil-mod mill-inflazzjoni fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023. Il-Kummissjoni tipprojetta wkoll tkabbir kemxejn oġhla mid-dħul mit-taxxa mill-Programm ta' Konverġenza tal-2023, li fil-biċċa l-kbira jirrifletti tkabbir oġhla tal-PDG. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon kemxejn aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG (45.6 % fi tmiem l-2023) milli fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023.

- (20) Id-defiċit nominali pprojetat għall-2023 fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa ta' 0.3 punti perċentwali tal-PDG oġġla mill-mira tad-defiċit nominali rakkomandata mill-Kunsill. L-aġġustament strutturali huwa stmat għal madwar 1.5 % tal-PDG, li jirrifletti tnaqqis fil-pagi reali fis-settur pubbliku u ffriżar ta' ingaġġi ġodda ta' impjegati pubbliċi, kif ukoll il-miżuri ta' dħul deskritti hawn fuq. Madankollu, l-aġġustament huwa kemxejn aktar baxx mill-1.7 punti perċentwali tal-PDG rakkomandati. Dan jitlob analiżi bir-reqqa bbażata fuq il-valur referenzjarju tan-nefqa. Fl-2023, it-*tkabbir nett fin-nefqa primarja* (aġġustat għal miżuri ta' darba u għall-miżuri ta' politika fiskali fuq in-naħa tad-dħul) huwa pprojetat għal 8.3 % fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, 'il fuq miż-0.9 % rakkomandat. Għalhekk, it-tliet indikaturi kollha jindikaw riskju ta' devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat. F'kuntest ta' inflazzjoni għolja, in-nefqa tal-gvern ser tkompli tiżdied aktar malajr milli rakkomandat mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2021. Fuq il-bażi ta' analiżi bir-reqqa, ir-Rumanija tinsab f'riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-miri fiskali għall-2023 li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021.
- (21) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni jonqos għal 2.9 % tal-PDG fl-2024, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021, skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. It-tnaqqis ippjanat fl-2024 jirrifletti prinċipalment trażżin kontinwu fl-infiq, bi tnaqqis ipprojetat fin-nefqa tal-gvern minn 38.4 % tal-PDG għal 36.9 % tal-PDG. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż mistenni jonqos għal 46.1 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.4 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa oġġla mid-defiċit pprojetat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023, billi l-miżuri mħabbra ma jidhrux li huma biżżejjed biex jintlaħaq l-isforz fiskali rakkomandat mill-Kunsill fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż oġġla (46.1 %) fl-aħħar tal-2024.

- (22) Id-defiċit nominali pprojetat għall-2024 fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa ta' 1.5 punti perċentwali tal-PDG oġġla mill-mira tad-defiċit nominali rakkomandata mill-Kunsill, filwaqt li l-aġġustament fil-bilanċ strutturali huwa mbassar li jkun biss 0.3 punti perċentwali tal-PDG fl-2024, meta mqabbel mal-1.5 punti perċentwali tal-PDG rakkomandati. Dan jitlob analiżi bir-reqqa bbażata fuq il-valur referenzjarju tan-nefqa. Fl-2024, it-tkabbir nett fin-nefqa primarja (aġġustat għal miżuri ta' darba u għall-miżuri ta' politika fiskali fuq in-naħa tad-dħul) huwa pprojetat għal 9.5 % fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, 'il fuq miż-0.0 % rakkomandat. Għalhekk, it-tliet indikaturi kollha jindikaw riskju ta' devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat. In-nuqqas ta' sforzi fiskali sinifikanti pprojetat għall-2024 jirrifletti parzjalment l-impatt tar-regoli tal-indiċjar fir-Rumanija (iċ-ċiklu tal-indiċjar tal-2024 għall-pensjonijiet u l-paga minima ser jirriflettu r-rati għoljin tal-inflazzjoni rreġistrati fl-2022). Madankollu, għandha tittieħed nota li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi diversi miżuri u riformi li, jekk jiġu adottati u implimentati fil-ħin, jistgħu jwasslu għal żieda sinifikanti fid-dħul tal-gvern mill-2024 u jgħinu biex tintlaħaq il-mira tad-defiċit. B'mod ġenerali, fuq il-bażi ta' analiżi bir-reqqa, ir-Rumanija tinsab friskju ta' nuqqas ta' konformità mal-miri fiskali għall-2024 li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021. Meta jitqiesu r-riskji li ma jintlaħqux il-miri fiskali rakkomandati fl-2023 u l-2024, jidhru li huma meħtieġa miżuri baġitarji addizzjonali biex ikun hemm konformità mal-perkors ta' aġġustament u tinkiseb il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tiegħu sal-2024, u biex tissaħħaħ il-pożizzjoni esterna.
- (23) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jirreferi għal riformi u investimenti ppjanati skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawk ir-riformi u investimenti jinkludu riformi sinifikanti tas-sistema tal-pensjonijiet (kemm pensjonijiet speċjali kif ukoll sistemi ġenerali), riforma ambizzjuża tat-taxxa, sforzi biex tissaħħaħ l-amministrazzjoni tat-taxxa, u riformi tal-intrapriżi tal-Istat. L-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn ir-riformi tgħin biex jintlaħqu l-miri tad-defiċit stabbiliti mill-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv.

- (24) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2025. Il-Kummissjoni tassumi wkoll it-tneħħija gradwali ta' kważi l-miżuri kollha ta' appoġġ għall-enerġija (dħul nett ta' 0.1 % tal-PDG fl-2024). Dan huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.
- (25) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mmirat li jibqa' 2.9 % tal-PDG fl-2025 u l-2026, fuq il-bażi ta' tkabbir tal-PDG reali b'5.0 % fl-2025 u 4.6 % fl-2026, ferm ogħla mill-potenzjal. Wara tnaqqis kbir minn 39.8 % fl-2021 għal 36.9 % fl-2024, il-proporzjon tan-nefqa mal-PDG jibqa' bejn wieħed u ieħor l-istess fl-2025 u l-2026. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 46.1 % fi tmiem l-2024 għal 45.4 % sa tmiem l-2026.

(26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija tinsab għaddejja, iżda b'riskju ta' dewmien li qed jiżdied. Ir-Rumanija ppreżentat żewġ talbiet għal pagament, li jikkorrispondu għal 72 stadju importanti u mira fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jirriżultaw fi żborż ta' EUR 2.6 biljun nett mill-prefinanzjament għall-ewwel talba għal pagament, filwaqt li l-valutazzjoni tat-tieni waħda għadha għaddejja. Ir-riskji dejjem jiżdiedu ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma minħabba l-governanza dgħajfa u l-kapaċità limitata tal-amministrazzjoni pubblika. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet, inkluż permezz tal-iżgurar ta' riżorsi umani adegwati, huwa kruċjali għal koordinazzjoni aħjar tal-pjan u implimentazzjoni f'waqtha tal-investimenti. Barra minn hekk, it-tlestija ta' riformi strutturali importanti ser tirrikjedi t-tkomplija ta' impenn politiku u sjieda. Minħabba r-rilevanza makroekonomika u fiskali konsiderevoli tal-pjan, implimentazzjoni f'waqtha u sħiħa tal-miżuri tkun kruċjali biex jitrażżnu l-vulnerabbiltajiet esterni u fiskali. Il-pjan mistenni jiġi rivedut fl-2023, biex jinkludi fost l-oħrajn kapitolu REPowerEU, filwaqt li jqis it-tnaqqis tal-appoġġ mhux ripagabbli minħabba l-irkupru ekonomiku qawwi tar-Rumanija. Id-diskussjonijiet għal dan l-għan għadhom għaddejjin. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-obiettivi strateġiċi tar-Rumanija fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (27) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tar-Rumanija fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni f'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex jinkisbu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, u jiġi bbilanċjat l-iżvilupp territorjali fir-Rumanija.
- (28) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, ir-Rumanija tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mal-politika tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika.
- (29) Ir-Rumanija qed tiffaċċa sfidi relatati mad-dekarbonizzazzjoni billi l-pajjiż għadu jiddependi ħafna fuq il-fjuwils fossili. Is-sehem tal-fjuwils fossili (faħam, żejt u gass) żdied bi ftit fl-2021 meta mqabbel mal-2020. Dan kien ta' 72 % fl-2021, filwaqt li s-sorsi rinnovabbli kienu jirrappreżentaw biss madwar 20 %. Ir-Rumanija hija t-tieni l-akbar produttor tal-gass fl-Unjoni, u taqdi l-aktar lis-suq domestiku. Enfasi fuq l-introduzzjoni effettiva tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, settur residenzjali ferm aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-industrija jgħinu lir-Rumanija tilħaq il-miri tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 stabbiliti fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Il-konsum tal-gass naturali tar-Rumanija naqas b'20 % bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁰. Ir-Rumanija tista' ssegwi miżuri temporanji għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706¹¹.

¹⁰ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

¹¹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tiżdied tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

- (30) Iż-żieda fil-kapaċità tal-grilja hija essenzjali għat-tnaqqis tal-użu tal-fjuwils fossili u għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-kapaċità tal-enerġija dekkommissjonata bil-faħam u bil-linjite, li mistennija titlesta sal-2032 kif stabbilit fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija, jenħtieġ li tiġi sostitwita b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Madankollu, il-grilji tal-elettriku tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni eżistenti jillimitaw l-assorbiment tal-kapaċità ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli. Il-konġestjonijiet fil-grilja jfixklu l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Huwa meħtieġ investiment biex jiġu aġġornati u diġitalizzati l-grilji eżistenti sabiex tiġi integrata produzzjoni ġdida minn sorsi rinnovabbli u tiżdied il-kapaċità ta' interkonnessjoni mal-Istati Membri ġirien, b'mod konsistenti mal-oġettivi klimatiċi. Ikun meħtieġ ippjanar integrat suffiċjenti u avvanzat tas-sistema għat-titjib u l-espansjoni tal-grilja (kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll f'dak tad-distribuzzjoni) biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tad-domanda u tal-flessibilità. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni tad-deżinjazzjoni taż-żoni deżinjati u r-razzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-proċeduri relatati, inkluż is-simplifikazzjoni tal-użu ta' installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'kapaċità żgħira (bħall-pannelli solari) fil-bini jtejbu s-sitwazzjoni attwali, fejn il-kisba ta' permessi għall-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli hija relattivament faċli, iżda l-kisba tal-permessi meħtieġa biex dawn jiġu konnessi mal-grilja hija aktar diffiċli.
- (31) Fis-settur tal-bini, miri nazzjonali oġhla għall-2030 ikunu jeħtieġu finanzjament addizzjonali għall-istokk tal-bini tal-pajjiż. Il-pjan Rumien għall-irkupru u r-reżiljenza jipprevedi r-rinnovazzjoni ta' 2.4 miljun m² ta' bini pubbliku u 4.4 miljun m² ta' bini residenzjali, filwaqt li l-politika ta' koeżjoni allokat fondi għal 1.6 miljun m² ta' rinnovazzjoni fiż-żewġ setturi. Madankollu, aċċess limitat għall-informazzjoni u l-finanzi rigward ir-rinnovazzjonijiet tal-enerġija u għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli jxekkel serjament aktar titjib. B'mod partikolari, aċċess aħjar għall-finanzjament għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji ż-żgħar biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jgħin b'mod sinifikanti biex titnaqqas id-dipendenza tar-Rumanija fuq il-fjuwils fossili, filwaqt li jiġi indirizzati ukoll il-faqar enerġetiku. Barra minn hekk, l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni dwar kif jaċċessaw il-fondi għar-rinnovazzjoni tal-enerġija u dwar liema tip ta' installazzjonijiet żgħar tal-enerġija rinnovabbli jistgħu jintużaw fil-bini u fid-djar.

- (32) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, bl-appoġġ ta' politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema fir-Rumanija għal diversi okkupazzjonijiet li jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-ħaddiema tal-iżolazzjoni, l-inġiniera ċivili u l-maniġers tal-kostruzzjoni.
- (33) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2023 u l-opinjoni¹² tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).
- (34) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta mal-kontijiet esterni, xprunati minn defiċits fiskali kbar u ma' kwistjonijiet ta' kompetittività emerġenti mill-ġdid. Ir-rakkomandazzjonijiet (2) u (3) jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni (1),

¹² Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieġu azzjoni fl-2023 u l-2024 biex:

1. Issegwi politiki fiskali f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija sal-2024, u li ssaħħaħ il-pożizzjoni esterna tar-Rumanija.

Tnaqqas gradwalment il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' emerġenza fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, mill-aktar fis possibbli fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli fuq terminu medju, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli oġġla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

2. Tiżgura governanza effettiva u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva sabiex tkun tista' titkompla l-implimentazzjoni rapida u kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li tibda b'mod rapidu l-implimentazzjoni tiegħu. Tkompli bl-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

3. Tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u taċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari billi tuża l-enerġija rinnovabbli aktar malajr u ttejjeb il-kapaċità tal-grilja biex il-kapaċità l-ġdida tkun tista' topera fis-suq. Iżżid l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ambizzjoni tal-isforzi ta' rinnovazzjoni tal-bini, inkluż billi tipprovi aċċess aħjar għall-informazzjoni u għażliet ta' finanzjament sostenibbli. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
